# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Marzu, 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 1055/99 NA**

**Fiona Bonett mart Spiridione Mifsud**

**vs**

**Spiridione Mifsud**

**Annullament taz-Zwieg - Artikolu 19 (1) (c), (d) u (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti sabet li kien hemm ragunijiet sufficjenti ghall-annullament ta' dan iz-zwieg taht l-Artikoli fuq ikkwotati minhabba l-eta' tenera ta' l-attrici, iz-zmien qasir ta' l-gherusija, pero' wkoll minhabba l-fatt tal-qerq ta' l-istess attrici fir-rigward tal-kwalita' taghha essenzjali ghall-hajja mizzewga.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fis-7 ta' Mejju 1999 fejn ippremettiet:

"Illi l-partijiet ccelebraw iz-zwieg fil-Knisja maghrufa bhala "Tas-Silg" f'Marsaxlokk u dan fid-9 ta' Dicembru 1991 (Dokument "A");

Illi l-attrici, ghalkemm ma kenitx interdetta jew marida b'mohha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Illi inoltre li l-kunsens tal-partijiet kien affett b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi wkoll li l-kunsens tal-partijiet jew ta' xi wiehed minnhom inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fid-9 ta' Dicembru 1991 kif fuq intqal, huwa null u minghajr ebda effett legali.

TALBET li din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat mill-partijiet fil-Knisja maghrufa bhala "Tas-Silg" fid-9 ta' Dicembru 1991 huwa null u minghajr ebda effett legali.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti esebiti.

Il-konvenut dam zmien twil ma jigi notifikat. Eventwalment gie notifikat fil-21 ta' Jannar 2000. Huwa pero' ma ghamilx l-eccezzjonijiet tieghu skond il-ligi u fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2000 imsejjah ma deherx. Il-kawza giet imhollija ghall-provi ghat-28 ta' Lulju 2000.

L-attrici pprezentat ix-xhieda taghha personali permezz ta' affidavit b'nota tas-17 ta' Mejju 2000 fil-waqt illi fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2000 ressqet ix-xhieda ta' ommha, missierha, huha, ta' oht ir-ragel u ta' Emmanuela Galea li kienet girien tal-koppja. Xehed ukoll il-konvenut in subizzjoni u regghet xehdet l-istess attrici. F'din is-seduta pero' il-konvenut mhux

biss deher izda kkontesta whud mill-allegazzjonijiet attrici bix-xhieda gguramentata tieghu u ghalhekk il-Qorti akkordatlu l-fakolta' a tenur ta' l-Artikolu 158 (10) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex jaghmel nota ta' difiza kontra t-talbiet attrici w iddifferiet il-kawza ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-20 ta' Ottubru 2000. Din in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut baqghet ma saritx u l-Qoti ma tara li ghandu jkun hemm ebda ostakolu biex din is-sentenza tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi diversi mill-ilmenti li ressqet l-attrici bhal l-allegat komportament tal-konvenut fil-konfront taghha kienu jkunu ragunijiet sufficjentement validi f'talba ta' separazzjoni personali. Hekk, per ezempju, l-allegazzjoni tas-swat u tal-fatt li l-konvenut ma kienx jahdem u ma kienx jaghtiha flus. Hekk ukoll l-allegazzjoni tax-xorb minkejja illi l-attrici ssostni li fiz-zmien li kienu gharajjes ma kenitx indunat b'dan il-vizzju tal-konvenut li skoprietu biss wara li kienu zzewgu. Il-konvenut jinnega li kien jixrob u li sawwat lill-attrici u ghal dan ir-rigward ix-xhieda tieghu hija aktar verosimili minn dik ta' l-attrici peress illi hija kkonfortata bix-xhieda ta' l-unika xhud indipendenti u cioe' Emmanuela Galea.

Mill-banda l-ohra, u dana b'mod spontanju, l-istess konvenut jistqarr illi gie ngannat mill-attrici fi kwalita' taghha li zgur "*tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga*" (Artikolu 19 (1) (c) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. "*Ghax jien nahseb li jien gejt tradut mhux hi. Ghax lili qaltli li ha jkollha t-tfal u ma kellhiex u ghandi l-karti tat-tobba u kollox.*" Hu jsostni li l-attrici ma setghetx ikollha tfal minkejja li f'xi zmien fl-gherusija kienet qaltlu li kienet tqila. Jirrizulta anke mix-xhieda ta' l-istess attrici u tal-familjari taghha li din l-istorja tat-tqala ntuzat biex l-attrici setghet tizzewweg peress illi fil-mument taz-zwieg kienet ghadha ma ghalqitx is-16-il sena, mentri fil-fatt ma kienet tqila xejn. Din l-allegazzjoni tal-konvenut minkejja illi hija wahda pjuttost serja ma giet bl-ebda mod ribattuta mill-attrici anke meta xehdet wara li kien xehed il-konvenut.

L-eta' tenera ta' l-attrici, il-fatt li l-konvenut kien diversi snin akbar minnha, kif ukoll il-fatt illi l-partijiet ghamlu biss ftit xhur gharajjes (kienux damu tlieta jew ftit xhur aktar mhux rilevanti) iwasslu lill-Qorti ghall-konkluzzjoni illi l-istess attrici ma setghetx kellha "*ir-rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg*" [Artikolu 19 (1) (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta], kif ukoll li l-kunsens taghha kien "*vizzjat b'difett serju*

*ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga*" [Artikolu 19 (1) (d)].

Dan qed jinghad ghax minkejja li l-Qorti thoss li hemm ragunijiet bizzejjed biex tiddikjara dan iz-zwieg null, fil-maggior parti dawn ir-ragunijiet kienu imputabbli lill-istess attrici u li, jekk il-konvenut ghandu jbati xi spejjes, dan huwa biss ir-rizultat tal-kontumacja tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat mill-partijiet fil-Knisja maghrufha bhala "Tas-Silg" fid-9 ta' Dicembru 1991 huwa null u minghajr effett legali.

L-ispejjez tal-kawza ghar-ragunijiet fuq moghtija ghandhom ikunu ssopportati in kwantu ghal zewg terzi mill-attrici u terz mill-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur rf.